31996R2449

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KE) Nru 2449/96
tat-18 ta' Diċembru tal-1996
li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi annwali tal-Komunità għall-prodotti regolati b'kodiċi NM 0714 10 91, 0714 10 99 u 0714 90 11 u 0714 90 19 li joriġinaw f'ċerti pajjiżi terzi minbarra t-Tajlandja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea.

Wara li kkunsidrat Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet imniżżla fl-Iskeda CXL magħmula wara l-konklużjoni tan-negozjati GATT XXIV. 6 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1) tiegħu,

Billi l-Komunità obbligat ruħha, fi ħdan l-Organizzazzjoni ta' Kummerċ Dinji (OKD), biex tiftaħ ċerti kwoti ta' tariffi annwali għall-prodotti regolati b'kodiċi NM 0714 10 91, 0714 10 99, 0714 90 11 u 0714 90 19 li joriġinaw fl-Indonesja, f'partijiet kontraenti oħra għall-OKD minbarra t-Tajlandja, fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u f'ċerti pajjiżi oħra mhux membri tal-OKD minbarra ċ-Cina; billi taħt dawk il-kwoti id-dazju tad-dwana huwa limitat għal 6 % *ad valorem*; billi dawk il-kwoti għandhom jinfetħu fuq bażi multiannwali u amministrati mill-Kummissjoni;

Billi huwa meħtieġ li tinżamm sistema ta' amministrazzjoni li tassigura li prodotti biss li joriġinaw fir-Repubblika tal-Indonesja u r-Repubblika Popolari taċ-Ċina jistgħu jiġu importati skond il-kwoti allokati lil dawk il-pajjiżi; billi, bħala riżultat, il-ħruġ ta' liċenzi ta' importazzjoni għandha tkompli tkun suġġetta għall-preżentazzjoni ta' liċenzi ta' esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' dawk iż-żewġ pajjiżi, kampjuni ta' liema intbagħtu lill-Kummissjoni; billi, dwar prodotti li joriġinaw fil-Vjetnam, skond il-prattika segwita għal xi snin, applikazzjonijiet għal liċenzi ta' importazzjoni huma suġġetti, b'żieda ma' disposizzjonijiet oħra, għal preżentazzjoni ta' ċertifikat maħruġ fuq inizjattiva tal-pajjiż li jesporta;

Billi, importazzjonijiet tal-prodotti konċernati fil-Komunità ġew amministrati tradizzjonalment skond bażi ta' sena kalendarja, dik is-sistema għandha tinżamm;

Billi l-importazzjonijiet ta' prodotti regolati b'kodiċi ta' NM 0714 10 91, 0714 10 99 u 0714 90 11 u 0714 90 19 huwa suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' importazzjoni li għaliha r-regoli komuni u dettaljati ta' applikazzjoni huma speċifikati f'Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 [2], kif l-aħħar emendat b'Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2350/96 [3]; billi Regolament tal-Kummisssjoni (KE) Nru 1162/95 [4], kif l-aħħar emendat b'Regolament (KE) Nru 1527/96 [5], jispeċifika regoli speċjali u dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzi għal ċereali u ross;

Billi r-regoli żejda tas-soltu għall-ġestjoni ta' dawk il-kwoti, li jirrelataw b'mod partikolati għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet, ħruġ ta' liċenzi, u kontroll ta' importazzjonijiet għandhom jiġu applikati;

Billi, b'mod partikolari, l-oriġini tal-prodotti għandu jiġi aċċertat billi jiġi provdut li l-ħruġ ta' liċenzi ta' importazzjoni għandhom jiġu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikati ta' oriġini maħruġa mill-pajjiżi interessati; billi, iżda, ċertifikati ta' oriġini m' għandhomx ikunu meħtieġa għal prodotti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina;

Billi, minħabba maniġment tajjeb ta' l-arranġamenti ta' importazzjoni relattivi, applikazzjonijiet għal liċenzi jistgħu ma jkoprux kwantità b'żieda ma' dak imdaħħal fuq id-dokument li jiċ-ċertifika kariga u tagħbija għall-Komunità; billi kwantità massima għal kull applikazzjoni għandha tiġi speċifikata wkoll f'ċerti każijiet, u huwa għandu jiġi stipulat illi f'ebda każ applikazzjonijiet ma jistgħu jkopru kwantità ikbar minn dik li għaliha l-prova msemmija qabel hija provduta;

Billi, f'każijiet meta l-kwantitajiet li attwalment jinħattu huma kemmxejn iżjed mill-kwantitajiet mogħtija fil-liċenzi ta' importazzjoni, miżuri biex tiġi assigurat ċirkolazzjoni ħielsa tal-kwantitajiet li jibqgħu għandhom jiġu adottati jekk il-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti jkun jista' jgura li l-formalitajiet meħtieġa għal dan l-iskop jistgħu jiġu esegwiti; billi l-Indonesja u ċ-Cina jidhru li jistgħu jissodifaw din il-kondizzjoni;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' ġestjoni għal ċereali,

[1] ĠU L 146, ta' l-20.6.1996, p. 1.

[2] ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
[3] ĠU L 320, tal-11.12.1996, p. 4.
[4] ĠU L 117, ta' l-24.5.1995, p. 2.
[5] ĠU L 190, tal-31.7.1996, p. 23.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

TITOLU I

Kwoti

Artikolu 1

Mill-1 ta' Jannar 1997 il-kwoti ta' tariffi annwali li ġejjin huma b'dan miftuħa għal importazzjonijiet ta' prodotti regolati b'kodiċi CN 0714 10 91, 0714 10 99, 0714 90 11 u 0714 90 19 b'rata ta' dazju tad- dwana ta' 6 % *ad valorem*:

1. kwota ta' 825 000 tunnellata għall-prodotti relattivi li joriġinaw fir-Repubblika tal-Indonesja;

2. kwota ta' 145 590 tunnellata għall-prodotti relattivi li joriġinaw f'pajjiżi membri oħra ta'l-Organizzazzjoni ta' Kummerċ Dinji (OKD) minbarra t-Tajlandja;

3. kwota ta' 350 000 tunnellata għall-prodotti relattivi li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina;

4. kwota ta' 32 000 tunnellata għall-prodotti relattivi li joriġinaw f'pajjiżi oħra mhux membri ta'l-OKD minbarra ċ-Ċina, li minnhom 2 000 tunnellata għandhom jiġu riżervati għall-importazzjoni ta' prodotti ta' speċi wżata għal konsum uman, f'pakketti immedjati ta' kontenut nett li ma jeċċedix 28 kilogramma, jew friski u sħaħ jew mingħajr qoxra u ffriżati, sew jekk imqatta' biċċiet jew le.

Artikolu 2

Bil-għan tar-rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1, applikazzjonijiet għal liċenzja ta' importazzjoni għandhom jiġu ppreżentati f'kull Stat Membru u liċenzi maħruġa għandhom ikunu validi f'kull parti tal-Komunità.

Artikolu 3

1. Applikazzjonijiet għal liċenzja ta' importazzjoni għandhom ikunu ammisibbli jekk:

(a) huma mehmuża ma' l-oriġinal ta' ċertifikat magħmul mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż interessat li jiċċertifika l-oriġini ta'l-oġġetti skond il-kampjun fl-Anness I; iżda, dak iċ-ċertifikat m' għandux ikun meħtieġ għal importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u msemmija fl-Artikolu 1(3);

(b) huma mehmuża ma'prova, fil-forma ta' kopja tal-polza tal-kargu, li l-oġġetti ġew mgħobbija fit-terz pajjiż ta' oriġini u huma trasportati għall-Komunità bil-bastiment imsemmi fl-applikazzjoni, u, meta t-terz pajjiż m' għaandux aċċess dirett għall-baħar, dokument internazzjonali ta' trasport li jiċ-ċertifika trasport ta' l-oġġetti mill-pajjiż ta' oriġini għall-port ta' tagħbija huwa wkoll provdut;

(ċ) fil-każ ta' prodotti li joriġinaw fl-Indonesja u ċ-Ċina, huma mehmuża mal-liċenzi relevanti ta' esportazzjoni kif imsemmi f'Titolu II maħruġa mill-awtoritajiet, kompluti kif imiss skond il-kampjun fl-Annessi II u III. L-oriġinali ta' dawk il-liċenzi għandhom jinżammu mill-awtorità li toħroġhom. Iżda, meta l-applikazzjonijiet għal liċenzja ta' importazzjoni jkopru biss parti tal-kwantità murija fuq il-liċenzja ta' esportazzjoni, il-korp li joħroġha għandu juri fuq l-oriġinal il-kwantità li għalih l-oriġinal kien użat u, wara li jitwaħħal it-timbru fuqu, għandu jirritorna l-oriġinal lill-parti interessata. Il-kwantità biss murija f'Taqsima 7 ta' liċenzi ta' esportazzjoni fil-każ ta' esportazzjonijiet ta' l-Indonesja u fl-Artikolu 9 ta' liċenzi ta' esportazzjoni fil-każ ta' esportazzjonijiet Ċiniżi għandhom jittieħdu f'konsiderazzjoni għall-għanijiet ta' ħruġ tal-liċenzi ta' importazzjoni;

(d) huma jirreferu għal kwantità li ma tkunx iżjed mill-kwantità murija fid-dokumenti msemmija f'punti (a), (b) u (ċ).

2. Applikazzjonijiet għal liċenzi ta' importazzjoni ppreżentati għall-għanijiet ta' rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa ta' prodotti ta' speċi wżata għal konsum uman koperti b'kodiċi NM 0714 10 91 u 0714 90 11 ma jistgħux jirreferu għal kwantità iżjed minn 150 tunnellati għal kull parti interessat li jaġixxi għalih innifsu.

TITOLU II

Liċenzi ta' esportazzjoni

Artikolu 4

1. Liċenzi ta' esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet tar-Repubblika ta' l-Indonesja u r-Repubblika Popolari taċ-Ċina għandhom jiġu stampati bl-Ingliż.

2. L-oriġinal u kopji tiegħu għandhom jiġu mimlija ttajpjati jew bil-kitba bl-idejn. Fil-każ ta'l-aħħar, huma għandhom jiġu kompletati billi tintuża linka u ittri kapitali kbar.

3. Kull liċenzja ta'l-esportazzjoni għandha ġġorr numru tas-serje stampat minn qabel, fis-sezzjoni ta' fuq nett hija għandha ġġorr ukoll numru tal-liċenzja. Il-kopji għandhom iġorru l-istess numri bħall-oriġinal.

Artikolu 5

1. Liċenzi ta' esportazzjoni għandhom ikunu validi għal 120 ġurnata mid-data tal-ħruġ. Il-jum ta' ħruġ ta' liċenzja għandu jgħodd bħala parti mit-termini tagħha ta' validità.

Liċenzi m' għandhomx ikunu validi kemm-il darba t-taqsimiet tagħhom huma kompletati kif imiss u huma awtentikati kif muri fuqhom. Kwantitajiet għandhom jingħataw b'figuri u bi kliem.

2. Liċenzi ta' esportazzjoni għandhom jiġu awtentikati kif imiss meta huma jindikaw id-data ta' ħruġ u iġorru t-timbru ta' l-awtorità li toħroġhom u l-firma tal-persuni awtorizzati biex jiffirmawhom.

TITOLU III

Liċenzi ta' importazzjoni

Artikolu 6

Applikazzjonijiet għal liċenzja u liċenzi għandhom jindikaw:

(a) f'Taqsima 8, it-terz pajjiż li fih joriġina l-prodott konċernat.

Importazzjoni minn dak il-pajjiż għandu jkun obbligatorju;

(b) f'Taqsima 24, waħda mill-annotazzjonijiet li ġejjin:

— Derechos de aduana limitados al 6 % *ad valorem* [Reglamento (CE) nº 2449/96]

— Toldsatsen begrænses til 6 % af værdien (Forordning (EF) nr. 2449/96)

— Beschränkung des Zolls auf 6 % des Zollwerts (Verordnung (EG) Nr. 2449/96)

— Τελωνειακός δασμός κατ' ανώτατο όριο 6 % κατ' αξία [Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 2449/96]

— Customs duties limited to 6 % *ad valorem* (Regulation (EC) No 2449/96)

— Droits de douane limités à 6 % *ad valorem* [Règlement (CE) nº 2449/96]

— Dazi doganali limitati al 6 % *ad valorem* [Regolamento (CE) n. 2449/96]

— Douanerechten beperkt tot 6 % *ad valorem* (Verordening (EG) nr. 2449/96)

— Direitos aduaneiros limitados a 6 % *ad valorem* [Regulamento (CE) n.º 2449/96]

— Arvotulli rajoitettu 6 prosenttiin (asetus (EY) N:o 2449/96)

— Tullsatsen begränsad till 6 % av värdet (Förordning (EG) nr 2449/96).

(ċ) f'Taqsima 20, l-isem tal-bastiment li fuqu l-oġġetti qed jiġu jew ġew mibgħuta bil-baħar għall-Komunità, in-numru taċ-ċertifikat ta' oriġini ppreżentat u, fil-każ ta' prodotti li joriġinaw fl-Indonesja jew iċ-Ċina, in-numru u d-data tal-liċenzja ta' esportazzjoni Indonesjana jew Ċiniża rispettivament.

Artikolu 7

1. B'dak kollu li hemm fl-Artikolu 10 ta' Regolament (KE) Nru 1162/95, it-titolu kontra liċenzi ta' importazzjoni għandu jkun 20 EKU għal kull tunnellata.

Iżda, fil-każ ta' prodotti li joriġnaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, it-titolu għandu jkun 5 EKU għal kull tunnellata.

2. Jekk, skond l-Artikolu 8(4), il-kwantità li għaliha il-liċenzja tinħareġ hija inqas mill-kwantità li għaliha ġiet applikata, it-titolu li jikkorrispondi mad-differenza għandu jiġi maħruġ

3. Ir-raba' linja ta' l-Artikolu 5(1) ta' Regolament (KEE) Nru 3719/88 ma għandux japplika.

Artikolu 8

1. Applikazzjonijiet għal liċenzi għandhom jiġu ppreżentati fl-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri bejn it-Tnejn u l-Erbgħa ta' kull ġimgħa, sas-13.00.

Iżda, l-ewwel jum ta' kull sena meta l-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati għandu jkun l-ewwel jum tax-xogħol f'Jannar.

2. Għal prodotti li joriġinaw fl-Indonesja jew iċ-Ċina, applikazzjonijiet għal liċenzi jistgħu jirreferu għal importazzjonijiet li għandhom jitwettqu is-sena ta' wara jekk huma ppreżentati matul Diċembru skond il-bażi ta' liċenzja ta' esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet Indonesjani jew Ċiniżi għas-sena relattiva.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bit-teleks jew fax fil-jum wara l-jum li fih huma preżentati applikazzjonijiet, u mhux iżjed tard mis-13.00 tal-Ħamis wara ż-żmien għall-preżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet li hemm fl-ewwel subparagrafu ta' paragrafu 1, id-dettaliji li ġejjin dwar kull applikazzjoni:

— il-pajjiż ta' oriġini tal-prodott,

— il-kwantità li għaliha l-liċenzja ta' importazzjoni hija applikata,

— l-isem ta' l-applikant,

— in-numru taċ-ċertifikat ta' oriġini ppreżentat u l-kwantità totali mdaħħla fid-dokument oriġinali jew estratt tiegħu,

— l-isem tal-bastiment imdaħħal fl-Artikolu 20,

— għal prodotti li joriġinaw fl-Indonesja jew ċ-Ċina, in-numru tal-liċenzja ta' esportazzjoni Indonesjana jew Ċiniża fit-taqsima ta' fuq nett tal-liċenzja.

4. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi u tinnotifika lill-Istati Membri bit-teleks jew fax mhux aktar tard mir-raba' jum tax-xogħol wara l-jum li fih applikazzjonijiet huma ppreżentati safejn applikazzjonijiet għal liċenzja għandhom jiġu aċċettati.

5. L-Istati Membri jistgħu joħorġu l-liċenzi ta' importazzjoni malli huma jirċievu notifika mill-Kummissjoni.

Iżda, liċenzi ta' importazzjoni għal prodotti li joriġinaw fl-Indoenesja jew ċ-¬ina li għalihom applikazzjonijiet huma ppreżentati f'Diċembru għas-sena ta' wara ma għandhomx jinħarġu qabel l-ewwel jum tax-xogħol f'Jannar tas-sena relattiva.

Artikolu 9

Bla ħsara għal l-Artikolu 10(2) u b'dak kollu li hemm fl-Artikolu 8(4) ta' Regolament (KEE) Nru 3719/88, il-kwantità maħruġa f'ċirkolazzjoni ħielsa ma tistax tkun iżjed mill-kwantità murija f'Taqsimiet 17 u 18 tal-liċenzi ta' importazzjoni, għal dak il-għan il-figura 0 għandha tiddaħħal f'Taqsima19 tal-liċenzi.

Artikolu 10

1. Fil-każ ta' prodotti li joriġinaw fl-Indonesja, malli jiġi verifikat li l-kwantitajiet attwalment imħatta għal kunsinna speċifika huma iżjed minn dawk koperti bil-liċenzja (i) maħruġa għal dik il-kunsinna, l-awtoritajiet kompetenti li ħarġu l-liċenzja (i) konċernati għandhom, fuq talba tal-importatur, jinnotifkaw lill-Kummissjoni bit-teleks jew fax kemm jista' jkun malajr, skond bażi ta' każ każ, tan-numru (i) tal-liċenzja Indonesjana ta' esportazzjoni, in-numru (i) tal-liċenzja ta' importazzjoni, il-kwantità żejda u l-isem tal-bastiment.

Il-Kummisjoni għandha tikkuntattja l-awtoritajiet Indonesjani bil-għan tal-ħruġ ta' liċenzi ġodda ta' esportazzjoni. Waqt il-preparazzjoni tagħhom, il-kwantitajiet li jibqgħu ma jistgħux jiġu maħruġa f'ċirkolazzjoni ħielsa sakemm il-liċenzj ġodda ta' importazzjoni għall-kwantitajiet relattivi ma jistgħux jiġu ppreżentati. Il-liċenzi ġodda ta' importazzjoni għandhom jinħarġu skond il-kondizzjonijiet li hemm fl-Artikolu 8.

2. Iżda, b'dak kollu li hemm fil-paragrafu 1, billi l-kwantitajiet li jitħattu mhumiex iżjed minn 2 % iżjed mill-kwantitajiet koperti bil-liċenzi ta' importazzjoni maħruġa li jikkorrispondu mal-liċenzi ta' esportazzjoni mogħtija għall-bastiment konċernat, l-awtortiajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn għandu jseħħ rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa għandhom, fuq talba ta' l-importatur, jawtorizzaw ir-rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa tal-kwantitajiet żejda sakemm l-importatur iħallas dazju ta' dwana limitat għal 6 % *ad valorem* u jippreżenta titolu għal ammont daqs id-differenza bejn id-dazju sħiħ u dak imħallas.

Il-Kummissjoni, malli tirċievi l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' paragrafu 1, għandha tikkuntattja l-awtoritajiet Indonesjani bil-għan li joħorġu liċenzi ġodda ta' esportazzjoni.

It-titoli għandhom jiġu mħarrġa fuq preżentazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta'l-Istat Membru li fih għandu jseħħ rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa ta' liċenzja supplementari ta' importazzjoni għall-kwantitajiet żejda relattivi. Applikazzjoni għal dawk il-liċenzi m' għandiex tkun suġġetta għall-preżentazzjoni ta' titolu kontra il-liċenzja kif provdut fl-Artikolu 14(2) ta' Regolament (KEE) Nru 3719/88 jew l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament. Dawk il-liċenzi għandhom jinħarġu skond it-termini ta' l-Artikolu 8 fuq preżentazzjoni ta' liċenzja ta' esportazzjoni ġdida u waħda jew iżjed liċenzi maħruġa mill-awtoritajiet Indonesjani għall-kwantità żejda relattiva. Il-liċenzja żejda ta' importazzjoni għandu jkollha fiha f'kaxxa 20 waħda mill-annotazzjonijiet li ġejjin:

— Certificado complementario, apartado 2 del artículo 10 del Reglamento (CE) nº 2449/96

— Supplerende licens, forordning (EF) nr. 2449/96, artikel 10, stk. 2

— Zusätzliche Lizenz — Artikel 10 Absatz 2 der Verordnung (EG) Nr. 2449/96

— Συμπληρωματικό πιστοποιητικό — Άρθρο 10 παράγραφος 2 του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 2449/96

— Licence for additional quantity, Article 10 (2) of Regulation (EC) No 2449/96

— Certificat complémentaire, règlement (CE) nº 2449/96, article 10 paragraphe 2

— Titolo complementare, regolamento (CE) n. 2449/96, articolo 10, paragrafo 2

— Aanvullend certificaat — artikel 10, lid 2, van Verordening (EG) nr. 2449/96

— Certificado complementar, n.º 2 do artigo 10.º do Regulamento (CE) n.º 2449/96

— Lisätodistus, asetus (EY) N:o 2449/96, 10 artiklan 2 kohta

— Kompletterande licens, artikel 10.2 i förordning (EG) nr 2449/96

It-titolu għandu jintilef relattivament għal kwantitajiet li għalihom ma ġietx preżentata liċenzja supplementari ta' importazzjoni fi żmien 4 xhur, ħlief f'każijiet ta' *force majeure*, mid-data li fiha d-dikjarazzjoni għal rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa msemmija fl-ewwel subparagrafu hija aċċettata.

Malli l-liċenzja supplementari ta' importazzjoni ġiet proċessata u ttimbrata mill-awtorita' kompetenti meta t-titolu huwa rilaxxat, il-liċenzja għandha tiġi rritornata lill-awtorita' li toħroġha kemm jista' jkun malajr.

3. Applikazzjoni ta' paragrafi 1 u 2 tista' ma tirriżultax f'importazzjoni ta' kwantitajiet ta' oġġetti li jkunu iżjed mill-kwota ġenerali awtorizzata għas-sena. Jekk, meta liċenzja supplementari ta' importazzjoni tinħareġ, jinsab li l-kwota ġenerali ġiet eċċeduta, il-kwantità koperta mil-liċenzja supplementari għandha titnaqqas mill-kwota ġenerali awtorizzata għas-sena ta' wara.

Artikolu 11

Il-kwantitajiet ta' prodotti li għalihom kull liċenzja ta' importazzjoni maħruġa tirrelata għandhom jitnaqqsu mill-kwota ġenerali għas-sena ta' ħruġ ta' dawk il-liċenzi.

Liċenzi maħruġa skond dan ir-Regolament għandhom ikunu validi f'kull parti tal-Komunità għal 60 ġurnata mid-data ta' ħruġ attwali.

Iżda, liċenzji maħruġa għal prodotti li joriġinaw fl-Indonesja jew ċ-Ċina għandhom ikunu validi sa l-aħħar jum ta' validità tal-liċenzja ta' esportazzjoni b'żieda ta' 30 ġurnata.

Artikolu 12

L-Artikolu 3 Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1997

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f'Brussel, fit-18 ta' Diċembru 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

1. Kunsinnatur	**ĊERTIFIKAT TA' ORIĠINI** **Għall-importazzjoni ta' prodotti agrikoli fil-Komunità Ewropea** **Nru** **ORIĠINAL**
2. Kunsinnatarju (mhux obligatorja)	3. AWTORITÀ TA' ĦRUĠ
	4. Pajjiż ta' oriġini
NOTI A. Iċ-ċertifikat għandu jimtela bit-tipa jew permezz ta' sistema ta' proċessar ta' informazzjoni mekkanika jew proċedura simili. B. L-Oriġinal taċ-ċertifikat għandu jiġi ppreżentat flimkien mad-dikjarazzjoni ta' rilaxx għall-ċirkolazzjoni liberal għand l-uffiċju doganali rilevanti fil-Komunità.	5. Rimarki

6. Numru ta' l-oġġett – marki u numri – numru u tipi ta' pakketti — Deskrizzjoni tal-merkanzija	7. Massa bl-ingrossa u netta (kg)

8. DAN JIĊĊERTIFIKA LI L-PRODOTTI TA' FUQ JORIĠINAW FIL-PAJJIŻ INDIKAT FIL-KAXXA ERBA' U LI L-INDIKAZZJONIJIET FIL-KAXXA ĦAMSA HUMA KORRETTI.

Post u data tal-ħruġ | Firma | Timbru ta' l-awtorità tal-ħruġ

9. RISERVAT GĦALL-AWTORITAJIET DOGANALI FIL-KOMUNITÀ

SERIAL EC-A No

ORIGINAL

DEPARTMENT OF TRADE
OF THE REPUBLIC OF INDONESIA

EXPORT CERTIFICATE

EXPORT CERTIFICATE No	
EXPORT PERMIT No	

1. EXPORTER (NAME, ADDRESS AND COUNTRY)		2. FIRST CONSIGNEE (NAME, ADDRESS AND COUNTRY)	
NAME		NAME	
ADDRESS		ADDRESS	
COUNTRY		COUNTRY	
3. SHIPPED PER		5. COUNTRY/COUNTRIES OF DESTINATION IN EC	
4. EXPECTED TIME OF ARRIVAL			

6. TYPE OF MANIOC PRODUCTS	7. WEIGHT (TONNES)	8. PACKING
CN-0714 10 91 ☐ CN-0714 10 99 ☐ CN-0714 90 11 ☐ CN-0714 90 19 ☐	SHIPPED WEIGHT	☐ IN BULK ☐ ..... BAGS ☐ OTHERS

DEPARTMENT OF TRADE
OF THE REPUBLIC OF INDONESIA

DATE

.....
NAME AND SIGNATURE OF AUTHORIZED OFFICIAL AND STAMP

THIS CERTIFICATE IS VALID FOR 120 DAYS FROM THE DATE OF ISSUE

FOR USE OF EC AUTHORITIES:

People's Republic of China

1. Exporter (name, full address, country) China National Native Produce & Animal By-Products Import & Export Corporation Branch China	2. No 3. Quota, year
4. First consignee (name, full address, country)	**EXPORT CERTIFICATE** **(Manioc falling wthin CN codes 0714 10 91, 0714 10 99, 0714 90 11 and 0714 90 19)**
	5. Country of origin **CHINA** 6. Country of destination **EC**
7. Place and date of shipment — Means of transport — Shipped by (name of vessel)	
8. Descriptions of goods: — Type of products: Δ Pellets Δ Chips Δ Others — Packaging: Δ In bulk Δ Bags Δ Others	9. QUANTITY Metric tonne (Net shipped weight)
10. Competent authority (name, address, country) Imp/Exp Department Ministry of Foreign Economic Relations and Trade, People's Republic of China 2, Dong Chang An Street, Beijing, China Date: Signature: Stamp:	
For use of EC authorities	
This certificate is valid for 120 days from the date of issue	